MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2004

Citazzjoni Numru. 496/2002/1

**Edward Maggi**

**vs**

**Natalia *sive* Talia Maggi**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 30 t'April 2002 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi fis-26 t'April 2001, il-partijiet ghamlu kuntratt ta' separazzjoni, fejn ftehmu l-kundizzjonijiet tas-separazzjoni taghhom (liema kuntratt huwa anness bhala Dokument "A");

Illi n-negozju “Sir Edward” li jinsab fi Triq Wilga, Paceville, San Giljan, gie assenjat lill-attur, u dan skond it-Tieni Parti tal-kuntratt ta’ separazzjoni hawn fuq imsemmi;

Illi l-konvenuta, skond l-isess kuntratt, kellha tiffirma d-dokumenti necessarji sabiex titrasferixxi l-permessi u l-licenzji tal-hanut fuq isem l-attur;

Illi l-konvenuta naqset milli tonera l-obbligazjonijiet kontrattwali taghha li tittrasferixxi l-permessi u l-licenzji tal-hanut fuq isem l-attur;

Illi l-konvenuta kienet accettat li tikkonsenja xi effetti mobbli, proprjeta’ ta’ l-attur lill-istess;

Illi l-konvenuta naqset milli tikkonsenja l-oggetti mobbli lill-attur;

Illi l-konvenuta debitament interpellata, naqset milli taghmel dak rikjest minnha.

Illi l-istess attur talab lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara li l-konvenuta naqset milli tonera l-obbligazzjonijiet taghha, kif jirrizultaw mill-kuntratt ta’ separazzjoni;

2. Tordna lill-konvenuta tiffirma d-dokumenti u formoli necessarji sabiex il-permessi u l-licenzji tal-hanut “Sir Edward”, li jinstab fi Triq Wilga, Paceville, San Giljan, jigu trasferiti ghal fuq isem l-attur;

3. Tordna li l-konvenuta tikkonsenja l-oggetti mobbli, proprjeta’ ta’ l-attur lill-istess, u dan skond kif ma kienu ftehmu l-partijiet;

4. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur, fl-eventwalita’ li dawn l-oggetti m’ghadhomx fil-pussess tal-konvenuta.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 13 tal-process;

Rat il-verbal tas-seduta tal-31 t’Ottubru 2002 fejn Dr. Edward Saliba ta ruhu b’notifikat ghall-attur bl-avviz ta’ l-appuntament tal-kawza.

Rat ir-rikors ta’ l-attur datat 29 ta’ Novembru 2002 fejn talab li n-notifika lill-konvenuta ssir wara l-hinijiet legali u f’kaz ta’ riferta negattiva din issir permezz tal-procedura ta’ l-affissjoni, liema talba giet milqugha mill-Qorti b’digriet tat-3 ta’ Dicembru 2002, fejn il-Qorti ordnat li l-pubblikazzjoni ssir f’gazzetta lokali wahda.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta tat-28 ta’ Jannar 2003 a fol. 22 fejn gie eccepit:-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur, *stante* illi mhuwiex minnu li l-konvenuta naqset li tonora l-obbligazzjonijiet taghha, li jirrizultaw mill-kuntratt ta’ separazzjoni personali, tas-26 t’April 2001, fl-atti tan-Nutar Peter Fleri Soler, kopja hawn anness bhala Dok “TM”;

2. Illi hija mhijiex tenuta li tiffirma d-dokumenti u l-formoli necessarji sabiex il-permessi u l-licenzji tal-hanut *‘Sir Edward’, Triq Wilga, Paceville, San Giljan*, jigu trasferiti fuq isem l-attur, *stante* illi l-parti tal-klawsola 3 (a) u 4 f’ *‘It-Tieni Parti’* tal-kuntratt, dwar l-assenjazzjoni tal-permessi u l-licenji hija nulla u bla effett, billi l-kunsens tal-konvenuta kien ivvizzjat u null, minhabba illi tali parti relattiva ghall-permessi u licenzji giet introdotta mill-attur bl-ghaggla mmedjatament qabel l-iffirmar tal-kuntratt, minghajr ma l-konvenuta setghet tara l-implikazzjonijiet kollha u tali kunsens inghata minnha in konsegwenza ta’ zball dwar il-fatt;

3. Illi l-konvenuta m’ghandha tikkonsenja ebda hwejjeg mobbli, proprjeta’ ta’ l-attur lilu, jew li fin-nuqqas thallsu

danni, *stante* illi tali hwejjeg parafernali kienu gew mehuda kollha mill-partijiet rispettivament, kif inhu kkonfermat fil-kuntratt, f' *'L-Ewwel Parti',* fil-klawsola numru 4.

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuta a fol. 23 sa 31 tal-process.

Rat in-nota ta' l-attur datata 3 ta' Frar 2003 li permezz taghha esebixxa l-affidavit tieghu.

Rat il-verbal tas-6 ta' Frar 2003 fejn inghata digriet affidavit tal-partijiet b'terminu ta' erbghin (40) gurnata kull wiehed. Il-Qorti nnominat lil Dr. Paul Farrugia bhala Assistent Gudizzjarju biex jiffissa zewg seduti ghall-konkluzjoni provi tal-partijiet..

Rat in-nota ta' l-attur datata 14 ta' Marzu 2003 li permezz taghha esebixxa l-affidavit ta' wliedu Laura u Daniela Maggi.

Rat in-nota tal-konvenuta tat-23 t'April 2003 fejn biha esebiet l-affidavit taghha u kopja ta' kuntratt ta' sub-enfitewsi temporanja ppubblikat min-Nutar Joseph Agius fid-19 ta' Marzu 1979.

Rat il-verbali tat-12 ta' Gunju 2003; tad-19 ta' Novembru 2003 fejn il-Qorti giet infurmata li hemm possibbilta' ta' tranzazzjoni; tal-11 ta' Frar 2004; u tas-6 ta' Mejju 2004 fejn il-partijiet infurmaw lill-Qorti li tranzazzjoni ma sehhitx peress li l-attur ghad baqaghlu jiehu sitt pasturi minghand il-konvenuta flimkien ma' platt tal-porcellana, liema affarijiet il-konvenuta kkonfermat li m'ghadhomx aktar fl-pussess taghha. Mill-bqija l-istess konvenuta ddikjarat li lesta tghaddi lill-attur l-mobbli kollha l-ohra, u kkonfermat li l-attur qabel mal-proposti l-ohra kollha taghha ghal tranzazzjoni. L-attur ippropona li ghandha tigi depozitata s-somma ta' mija u ghoxrin lira Maltin (Lm120) ghand in-Nutar Peter Fleri Soler, sabiex dan jghaddihom lilu fl-eventwalita' li l-oggetti pretizi minnu ma jinstabux u ma jigux ritornati lilu. Wara li l-konvenuta qablet ma' din il-

proposta, il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-25 ta’ Novembru 2004, fejn b’ordni tal-Qorti reghet giet differita ghat-30 ta’ Novembru 2004 ghall-istess skop.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi li l-partijiet iffirmaw kuntratt ta’ separazzjoni bejniethom datat 26 ta’ April 2001 fl-atti tan-Nutar Peter Fleri-Soler wara d-debita awtorizzazzjoni tas-Sekond’ Awla tal-Qorti presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Joseph David Camilleri.

Illi mill-istess kuntratt ta’ separazzjoni jirrizulta li l-komunjoni ta’ l-akkwisti giet xolta b’effett mid-data ta’ l-istess kuntratt, giet likwidata l-istess komunjoni ta’ l-akkwisti u wkoll diviza u assenjata tant li jidher li l-istess attur messu it-tieni porzjoni li ghall-fini ta’ din il-kawza kien jinkludi *“negozju ossia hanut tal-hwejjeg jismu “Sir Edward” fi Triq Wilga, Paceville, San Giljan, flimkien ma’ l-istock kollu li jappartjeni lill-istess negozju u l-avvjament ta’ l-istess inkluzi l-permessi u l-licenzji relattivi ghall-istess”.*

Illi minkejja dak li qalet il-konvenuta fl-eccezzjonijiet taghha, is-sinifikat tal-kuntratt jidher car u fl-opinjoni ta’ din il-Qorti ma hemm l-ebda lok ta’ nterpretazzjoni, u allura lanqas ma hemm l-ebda dubju li l-ewwel zewg talbiet attrici ghandhom jigu milqugha. Ghal dan l-iskop din il-Qorti qed tipprefiggi terminu qasir u perentorju ta’ hmistax il-gurnata mid-data ta’ din is-sentenza sabiex l-istess konvenuta taderixxi ruhha ma’ l-istess.

Illi din il-Qorti tinnota li minkejja li hija qed tghid li ma qablitx ma’ din il-klawsola, sa llum l-istess konvenuta ma ghamlet l-ebda azzjoni sabiex tattakka l-istess kuntratt. Dan certament li huwa fatali ghall-eccezzjonijiet taghha – apparti li fuq it-talbiet l-ohra l-istess konvenuta tidher li qed tibbaza ruhha fuq dak li jinghad fl-istess kuntratt, u allura

certament li hija stess qed tirrikonoxxi l-validita' tieghu, ovvjament f'dak li huwa favur taghha u hemm stipulat.

Illi min-naha tieghu l-attur qed jippretendi konsistenti f'zewg siggijiet tal-kewba, erba' *frames* tal-fidda, kwadru li jiffigura lampa, ornament tal-porcellana b'bejta ta' ghasfur, platt tal-porcellana, u sett pasturi antiki. Jirrizulta li l-konvenuta accettat li tghaddi lill-istess attur is-siggijiet, l-ornament tal-porcellana b'figura ta' ghasfur, iz-zewg frames, u l-kwadru bil-lampa. Dwar il-pasturi u l-platt ta' porcellana l-istess konvenuta nformat lill-Qorti li jekk issib l-istess hija lesta li tghaddihom lill-attur. Ghal dan l-iskop il-partijiet qablu li l-istess konvenuta tiddepozita s-somma ta' mija u ghoxrin lira Maltin (Lm120) ghand in-Nutar Peter Fleri Soler bhala valur taz-zewg oggetti, u fin-nuqqas li tikkonsenja l-istess oggetti lill-attur, tali depozitu ghandu jigi moghti lill-attur. Ghalhekk f'dan is-sens gew tranzatti it-tielet u r-raba' talba attrici.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta in kwantu l-istess huma nkompatabbli ma' dak hawn deciz, **tilqa' t-talbiet attrici** biss fis-sens premess u ghar-rigward tat-tielet u r-raba' talba attrici biss in forza ta' kif gie miftiehem bejn il-partijiet skond il-verbal tas-seduta tas-6 ta' Mejju 2004, b'dan illi:-

1. Tiddikjara li l-konvenuta naqset milli tonera l-obbligazzjonijiet taghha, kif jirrizultaw mill-kuntratt ta' separazzjoni u dan fis-sens li naqset li tittrasferixxi l-permessi u l-licenzji tal-hanut "Sir Edward", fi Triq Wilga, Paceville, San Giljan, ghal fuq l-isem l-attur.

2. Tordna lill-konvenuta sabiex fi zmien qasir u perentorju ta' ghoxrin (20) gurnata mid-data ta' din is-sentenza tiffirma d-dokumenti u formoli necessarji sabiex il-permessi u l-licenzji tal-hanut "Sir Edward", li jinstab fi Triq Wilga, Paceville, San Giljan, jigu trasferiti ghal fuq isem l-attur.

3. u 4. Tordna li l-konvenuta tikkonsenja lill-attur iz-zewg siggijiet, l-ornament tal-porcellana b'figura ta' ghasfur, iz-zewg *frames*, il-kwadru bil-lampa u s-sitt (6) pasturi u l-platt ta' porcellana, b'dan li l-istess pasturi u l-platt tal-porcellana jigu rritornati biss lill-attur jekk jinstabu mill-konvenuta. Illi ghar-rigward ta' l-istess pasturi u platt tal-porcellana, l-istess konvenuta obbligat ruhha li tiddepozita s-somma ta' mija u ghoxrin lira Matin (Lm120) ghand in-Nutar Peter Fleri Soler, bhala valur ta' l-istess oggetti, u fin-nuqqas li tonqos milli tikkonsenjahom lill-attur, l-attur ikun awtorizzat li jirtira l-istess somma minghand in-Nutar Peter Fleri-Soler u dan kollu skond il-verbal tal-partijiet (u d-difensuri taghhom), datat 6 ta' Mejju 2004.

Illi in konformita' ma' l-istess din il-Qorti qed taddotta tali ftehim bejn il-partijiet milhuq fil-mori ta' din il-kawza bhala s-sentenza ta' din il-Qorti, b'dan li l-istess Qorti tipprefiggi terminu qasir u perentorju ta' sittin (60) gurnata mid-data ta' din is-sentenza sabiex l-istess konvenuta tirritorna lill-attur l-oggetti li fil-kawza accettat li ghandha tghaddilu, b'dan li fin-nuqqas li l-istess konvenuta tonqos li tghamel dan fit-terminu hawn stabbilit, l-attur ikun awtorizzat li jirtira l-ammont ta' mija u ghoxrin lira Maltin (Lm120) li ghandu jkun depozitat mill-konvenuta ghand in-Nutar Peter Fleri Soler fi zmien tmenin gurnata (80) mid-data ta' din id-decizjoni.

Bl-ispejjez jinqasmu bin-nofs bejn iz-zewg partijiet, b'dan li din il-Qorti tordna lill-partijiet sabiex jinnotifikaw kopja legali ta' din is-sentenza lin-Nutar Peter Fleri-Soler sabiex jaderixxi ruhu ma' l-istess.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------